# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 1**

**Avviz numru 731/97mm**

**Emanuel Falzon**

**vs**

**David Scerri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fl-14 ta' April 1997 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma li tigi likwidata in linea ta' danni subiti fil-vettura numru ta' registrazzjoni Y-2323 meta din sfat milquta minn vettura numru tar-registrazzjoni G-7660 li baqghet sejra. L-incident sehh fi Fleur-del-Lys u ghal liema l-konvenut huwa unikament responsabbli. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta' valur jinghad li dan ma jeccedix l-ammont ta' tlett mija u hamsin lira maltija (Lm350).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident awtomobilistiku de quo gara unikament tort tal-attur.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident stradali illi gara fis-17 ta' Dicembru 1996 ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghodu (6:30a.m.) hdejn ir-*roundabout* ta' Fleur-de Lys li taghti ghal Hamrun, Hal Qormi u hdejn l-istabbiliment ta' Farsons bejn il-minibus transit Y-2323 misjuq mill-attur u Mazda G-7660 misjuq minn David Scerri.

L-ewwel li ma xehed f'din il-kawza kien il-konvenut David Scerri fejn ikkonferma li dak inhar ta' l-incident huwa kien qed isuq il-karozza G-7660. Kien qed isuq fi Fleur-de Lys fid-direzzjoni tal-Marsa minn Birkirkara. Kien qieghed fuq in-nahha tax-xellug tat-triq meta f'hin minnhom gie t-Transit misjuq mill-attur, ghamel manuvra ta' sorpass minn fuq il-lemin tal-vettura tieghu u huwa u ghaddej hakk mal-karozza u sar l-incident. Scerri jkompli jghid li Falzon ma waqafx mall-ewwel izda waqaf xi distanza l-

boghod, nizel, beda jghajjat u anke beda jhedded u jhebb ghalih. Peress illi Falzon immanifesta xi tendenzi vjolenti, David Scerri jghid li beza u telaq l'hemm.

Il-hsarat fil-vettura tieghu kienu daqqa fuq il-*mudguard* ta' wara, zewg girfiet fuq il-bibien u daqqa fuq il-*mudguard* ta' quddiem. Peress illi l-attur waqaf xi distanza l'boghod ma sarx sketch mill-pulizija.

L-attur Emanuel Falzon ighid li hu wkoll kien qed isuq fl-istess direzzjoni u ra li hin minnhm kien hemm quddiemu l-karozza misjuqa minn David Scerri, ghalhekk ghamel manuvra ta' sorpass illi dehrlu li kien wiehed normali u baqa' ghaddej. Din il-manuvra saret quddiem il-hanut ta' *spare parts.* Meta avvicina r-*roundabout* nduna li Scerri kien qieghed javvicina minn nahha tax-xellug. Rah jaghmel hekk mill-mera u f'daqqa wahda rah ukoll jigbed ghal fuqu u tah daqqa. Falzon waqqaf il-vettura l-boghod u huwa u niezel nduna li l-konvenut kien ser jibqa' sejjer, pero' ma setghax jghaddi. Falzon jallega illi kien il-konvenut illi beda jkellmu hazin. L-attur jallega illi mhux biss ra lill-konvenut javvicina minn fuq ix-xellug imma rah ukoll idawwar l-*steering* tal-vettura tieghu ghal fuqu. Ighid illi forsi ghaddiet xi minuta minn manuvra ta' sorpass ghal habta.

L-attur gab bhala xhud lil Claudia Marmara li kienet passiggiera fil-vettura tieghu. Dina pero' ma setghetx titfa xi dawl fuq din il-kawza peress illi ma ratx l-incident isir u semghet biss id-daqqa u semghet ix-xufier tal-van, l-attur jidghi.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti ghandha quddiemha zewg versjonijiet maghmula mis-sewwieqa, liema zewg versjonijiet jistghu jkunu t-tnejn veritjeri. Il-Qorti m'ghandha l-ebda prova ohra fuq x'hiex toqghod oltre dawn il-versjonijiet peress li lanqas is-surgent li nvestiga dan il-kaz ma setgha jitfa xi dawl specjali, stante n-nuqqas ta' sketch fl-atti. Dan l-isketch ma sarx peress li l-karozzi ma baqghux fuq il-post wara l-incident, u ghalhekk il-Qorti sabet ruhha f'konflitt fuq min ghandha titfa l-iktar piz minn dawn il-versjonijiet. Din is-sitwazzjoni mhijiex felici ghall-attur, peress illi fil-fehma taghha ma lahaqx dak il-grad ta' prova li hija necessarja ghas-success ta' l-istanza tieghu. F'kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli (ara <u>Dr H Lenicker vs J Camilleri</u> Prim Awla 31 ta' Mejju 1972).

Fil-kawza <u>Joseph Rausi noe et vs John Muscat</u> il-Qorti ta' l-Appell b'sentenza moghtija fit-22 ta' Novembru 1995 qalet illi ladarba kienu jezistu zewg versjonijiet differenti li t-tnejn setghu jirrizultaw u li kienu veritajiet allura l-Qorti ma setghax ikollha dak il-konvinciment morali bazat fuq preponderanza ta' probabilitajiet, b'hekk l-unika konkluzzjoni li setghet tasal ghaliha hi li l-atturi naqsu li jippruvaw it-talbiet taghhom b'mod sodisfacenti u konvincenti u ghalhekk fuq l-iskorta tal-principju *actors non probante reus absolvitur* it-talbiet kellhom jigu michuda (ara wkoll <u>Francis Paul Ebejer noe vs Malcolm Muscat</u> Prim Awla FGC 17 ta' Ottubru 1997)

Din il-Qorti jidhrilha illi l-versjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa t-tnejn jista jkunu veritjiera. L-attur qal illi kien il-konvenut illi dahal fih minn nahha tax-xellug, mentri l-konvenut ighid illi kien l-attur illi dahal fih waqt manuvra ta' sorpass. Ma hemmx dubbju, illi wara dan l-incident intqal xi kliem li ma kien xejn xieraq, pero' hu xinhu dan ma jaffettwa xejn ir-responsabbilta' ta' l-incident peress illi jekk sar xi haga, dana sar wara l-incident u mhux qabel. Jibqa' l-fatt pero' li l-Qorti jidhrilha illi l-attur ma lahaqx dak il-grad ta' prova rikjesta mill-ligi ghas-success tal-kawza tieghu u ghalhekk dina ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

Anthony Zammit
Dep Reg